



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11033/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0147 (NLE)

AVIATION 155
CHINE 9
RELEX 700

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'

**dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċina
dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta'... (għadha ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1152¹, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (il-“Ftehim”) ġie ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data aktar tard.
- (2) L-objettiv tal-Ftehim huwa li jgħib il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn 27 Stat Membru u r-Repubblika tal-Poplu ta-Ċina f’konformità mal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat fisem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1152 tas-26 ta' Ġunju 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (ĠU L 210, 21.8.2018, p. 1).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (il-“Ftehim”) huwa b’dan approvat f’isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.*

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f’isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 6(1) tal-Ftehim.¹

* ĠU: jekk jogħġbok ehmeż id-dokument ST 9685/18.

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President
